MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 899/2003

**Simon Paul Abela B. Eng., iben John: I.D. numru 0054975M**

**vs.**

**Karen Camilleri, B.A. (Hons), bint Victor: I.D. numru 0103474M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Settembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Abela allegatament, kif jigi mfisser aktar tard fil-mori ta' din il-kawza naghqdu fiz-zwieg nhar il-Hadd, hamsa ta' April, sena elf disa' mija tmienja u disghin (05.04.1998), *ossia* hames (5) snin u hames (5) xhur ilu, fil-knisja ta' San Patrizju gewwa tas-Sliema, skond ma jirrizulta mill-anness dokument ufficjali li jgib in-numru

progressiv 315:13/04/1998, hawn indikat bhala Dok. “SPA1”;

Illi *purche’* mhux strettament konnessa, il-konjugi Abela ma kellhomx tfal, wahda mir-ragunijiet bazici li ghaliha ser issir referenza f’ din il-kawza ta’ annullament, kif jigi mfisser fil-mori ta’ din il-kawza;

Illi nhar il-hamsa ta’ Dicembru, tas-sena elfejn u tnejn (05.12.2002) *ossia’* erba’ (4) snin u tmien (8) xhur wara dan l-allegat zwieg, il-konjugi Abela nfirdu legalment bonarjament permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dr. Robert John Muscat u dana kif jirrizulta mill-anness dokument indikat bhala Dok. “SPA2”, li kopja awtentika tieghu qed tigi mehmuza fl-elenku tad-dokumenti f’ din il-kawza odjerna;

Illi ulterjorment il-kunsens tal-konvenuta kien ukoll ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi *in effetto* a bazi tal-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali precedentement indikat, il-konvenuta kienet irrevertit ghall-kunjom xbubitha u dina hija r-raguni ghala l-konvenuta qed tigi ndikata f’ din ic-citazzjoni bhala Camilleri Karen;

Illi l-attur Simon-Paul Abela twieled nhar l-erbgha u ghoxrin ta’ Ottubru, tal-elf disa’ mija erbgha u sebghin (24.10.1974), illum jahdem ta’ *Electrical Engineer* ma’ ditta kbira privata u li ghandu eta’ ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, skond ma jirrizulta minn Dok. “SPA3” li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 549/04.02.575, mehmuz fl-elenku tad-dokumenti fic-citazzjoni odjerna;

Illi l-konvenuta da parti taghha twieldet nhar it-tlettax ta’ Frar, tal-elf disa’ mija erbgha u sebghin (13.02.1974), tahdem bhala ghalliema fi skola tal-Knisja, tal-eta’ ta’ disgha u ghoxrin (29) sena u dana skond ma jirrizulta mic-

certifikat tat-twelied taghha li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 1034/25.02.74 indikat bhala Dok. “SPA4” li huwa mehmuz fl-elenku tad-dokumenti ma’ din ic-citazzjoni odjerna;

Illi dana l-allegat zwieg jirrizulta fih certu difetti serjissimi li jaghtu lok ghan-nullita’ tieghu a bazi tal-**Kap. 255 tal-Kodici tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 19, subartikolu 1** u d-diversi paragrafi li fih, partikolarment **paragrafu (a), paragrafu (d), paragrafu (f) u paragrafu (h),** b’ mod illi ghar-ragunijiet li jirrizultaw fil-mori ta’ din il-kawza dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null;

Illi l-istess attur talab lil dan l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Illi z-zwieg li allegatament sehh nhar il-Hadd, hamsa ta’ April tal-elf disa’ mija tmienja u disghin (05.04.1998), fil-Knisja ta’ St. Patrick gewwa tas-Sliema, Malta, bejn il-kontendenti konjugi partijiet kien tabilhaqq null, invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli a bazi tal-**Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

(2) L-allegat zwieg riferut fid-Dok. “SPA1” mehmuz ma’ l-elenku tad-dokumenti huwa null abbazi tal-**artikolu 19 subartiklu 1, paragrafi (a) (d) (f) u (h),** jew xi wahda mir-ragunijiet imsemmija.

(3) Tali allegat zwieg huwa null, invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli minhabba cirkostanzi u sitwazzjonijiet imputabbli lill-kontendenti partijiet kemm separatament u kif ukoll kollettivament kif jirrizulra fil-mori tal-kawza.

(4) Fl-eventwalita’ tal-kontumacja tal-konvenuta Karen Camilleri, din il-Qorti ghandha taghzel u tiddeciedi jew li tkompli miexja bil-proceduri normali, gja la darba l-konvenuta tkun giet notifikata, jew li jinghatw dawk il-provedimenti opportuni li l-Qorti jidrilha xierqa u gusti li taghti biex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qed issir.

(5) Ghandhom isiru dawk il-proceduri kollha mehtiega biex tali zwieg gja' la darba annullat abbazi tat-talbiet attrici kif hawn suesposti, ikun registrat skond il-ligijiet ta' Malta biex l-istatus precedenetement ta' qabel l-allegat zwieg ta' kull wahda mill-partijiet kontendenti jkun hekk registrat skond il-Ligijiet ta' Malta bl-ispejjez skond kif jigu decizi minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra gudizzjarji, kontra l-konvenuta Karen Camilleri B.A. (Hons), li minn issa tigi ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 5 u sa fol. 13 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit ta' Karen Camilleri minn fol. 28 sa fol. 44 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur Simon Paul Abela, datat 15 ta' Dicembru 2003, fejn talab umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta l-kawza b' urgenza, filwaqt li taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega mehud inkonsiderazzjoni l-fatt li l-attur lest li jiddikjara li m' ghandux provi aktar xi jressaq u l-istess disposta li taghmel il-konvenuta fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Rat id-digriet datat 16 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba w appuntat il-kawza ghas-smigh nhar il-hdax (11) ta' Frar 2004.

Rat in-nota tal-attur datata 15 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha prezenta l-affidavit ta' Helen Xuereb u ta' Reuben Portanier.

Rat tal-affidavit moghti fis-7 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti ipprefiggiet lill-partijiet ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jisghtu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat il-verbal datat 11 ta' Frar 2003.

Rat il-verbal datat 6 ta' Mejju 2004, fejn Dr. Bezzina fuq stedina tal-Qorti kellu jara liema mit-talbiet ser jirtira w obbliga ruhu li fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data tal-verbal jindika lill-Qorti liema talba ser ihalli. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Jannar 2005 ghas-sentenza.

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet kontendenti prezentat fit-23 ta' Lulju 2004.

Rat in-nota tal-attur Simon Paul Abela, datata 29 ta' Lulju 2004, fejn permezz ta' din in-nota huwa ndika liema mit-talbiet ser ihalli.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-10 t'Awissu 2004 fejn irrikjamat il-kawza sabiex is-sentenza tinghata fit-28 t'Ottubru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **Karen Camilleri** li jinsab minn fol. 28 sa fol. 44 tal-process. Rat ukoll l-affidavit taz-zija tal-attur **Helen Xuereb** u tal-hbieb tal-partijiet **Reuben Portanier**, li gew prezenatati permezz ta' nota tal-attur datata 15 ta' Dicembru 2003.

### ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fit-18 ta' Jannar 1986 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (d) (f) u (h) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'";*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn****,* u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D. – 16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi l-attur issemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se*

*sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful,*

*ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) **u “Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **“Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi”** (P.A. (RCP) 1 t’Ottubru 2002  Cit Nru 50/02/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-5 ta’ April 1998 u sal-5 ta’ Dicembru 2002 huma gja kienu sseparaw, minkejja l-fatt li kienu ilhom qabel ma zzewgu gharajjes jew ahjar johorgu flimkien ghal tmien (8) snin

shah. Fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-istess partijiet kienu hbieb u ghadhom hbieb, izda sfortunatament l-istess relazzjoni ta' bejniethom qatt ma' qabzet dan il-limitu u qatt ma' kienu ppreparati u wisq inqas hadu l-impenn li jahsbu u jghixu ta' mara' u ragel mizzewweg flimkien. Baqghu jafdaw lill xulxin bhala hbieb u jidher li minkejja li kien ilhom tant zmien jafu lil xulxin, id-decizjoni li jizzewgu fir-realta' ma hadulhiex huma izda hadha kemm il-genituri u l-hbieb taghhom, peress li dawn kollha stennew li l-partijiet jizzewgu wara tant zmien flimkien. Fil-fatt kollox gie rrangat ghalihom sabiex jaghmlu dan, u l-partijiet kull ma ghamlu huwa biss li ddecidew li la darba kulhadd kien qed jistena minnhom dan il-pass, mela allura ma' kienx hemm x'taghmel hlief li jiehdu dan il-pass. B'hekk ma ddizappuntaw lil hadd.

Illi certament li la darba gie ritenut li l-kunsens ghaz-zwieg huwa mhux wiehed normali kif rikjest minn kuntratti ohra izda kunsens specifiku u partikolari anke peress li dan huwa impenn ghall-hajja kollha, din il-Qorti thoss li l-istess partijiet fil-mument tal-hajja li kienu fih ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jifformulaw kunsens validu taz-zwieg, *stante* li kien mohhom biss li ma jiddisapuntawx lill-familjari u lill-hbieb kollha taghhom, peress li dawn kollha stennew li kienu ser jizzewgu lil xulxin. Fil-fatt ghalkemm jidher li kull parti kellha dubju kbir fuq iz-zwieg mal-parti l-ohra, lanqas bejniethom ma rriskjaw jikxfu dawn id-dubji, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d).**

Illi din il-Qorti thoss li kull parti konxja ta' din is-sitwazzjoni ta' incertezza fi-mument taz-zwieg eskludiet posittivament il-prokreazzjoni ta' l-ulied – veru li l-istess partijiet dan ma jghiduhx direttament fix-xhieda taghom, pero' jidher li t-tnejn li huma mill-ewwel eskludew li jkollhom tfal l-ewwel ghaliex hassew li huma kienu ghadhom zghar, apparti li taw iktar importanza l-impjenji li kellhom, u wara minhabba li sabu li verament ma' kienu qatt addatti ghal xulxin f'relazzjoni fiz-zwieg, komplew bl-istess insistenza li tfal taht dawn ic-cirkostanzi ma' kellhux ikun hemm. Dan ifisser li tul l-istess zwieg il-punt ta' prokreazzjoni tal-ulied kien dejjem eskluz miz-zewg partijiet f'din il-kawza. Din il-

Qorti hija tal-opinjoni li dan gara peress li l-partijiet qatt ma kienu komdi flimkien bhala koppja mizzewga, u qatt ma hasbu bhala koppja mizzewga, u ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi fil-mument taz-zwieg l-istess elementi essenzjali taz-zwieg bhal ma huwa l-prokreazzjoni tal-ulied kienet definitvamwent eskluza, u din harget fil-berah biss fiz-zwieg, fejn kull parti fil-fatt ghamlet minn kollox sabiex dan l-avveniment ma' jsehhx u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-partijiet kien ukoll ivvizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta, u filwaqt li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici, *stante* li dawn huma superfluwi u fi kwalunkwe kaz gew irtirati mill-attur, **tilqa' l-ewwel talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li allegatament sehh nhar il-Hadd, hamsa (5) ta' April tal-elf disa' mija tmienja u disghin (05.04.1998), fil-Knisja ta' St. Patrick gewwa tas-Sliema, Malta, bejn il-kontendenti konjugi partijiet huwa null u bla effett *ai termini* kollha tal-ligi *stante* li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi tal**-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u konsegwentement tordna din in-nullita' taz-zwieg tigi registrata fl-att taz-zwieg relattiv tal-partijiet skond il-ligi.

BI-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------